# Talb mal-Papa

**Il-Fehma tal-Papa għal Diċembru 2018**

Il-Papa Franġisku jistedinna biex matul dan ix-xahar ningħaqdu flimkien u nitolbu:-



**Biex il-persuni li huma involuti fit-tixrid tal-fidi jsibu fid-djalogu tagħhom mal-kultura l-lingwaġġ li jgħodd għall-kundizzjonijiet taż-żminijiet tal-lum.**

*Talba:*

Nitolbok Mulej sabiex tagħtini l-għajnuna ħalli nkun xhieda tal-fidi tiegħi u tal-imħabba tiegħek lejna. Għinni ħalli nkun nista' nikkomunika l-messaġġ tiegħek ta' mħabba u ħniena ma' kull min niltaqa' fil-ħajja tiegħi ta' kuljum.

*X'nista' nagħmel:*

Nipprova nsib lil xi ħadd li jħossu mbiegħed mit-tagħlim tal-Knisja. Nipprova li nkun għalih xhieda tal-imħabba t'Alla bi kliemi u bil-mod kif ngħix.

Pope's Prayer Network - Malta

email: talbmalpapa@gmail.com